MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1341/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**
**VS**
**HUSSEIN RAMADAN ABDULLAH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Hussein Ramadan Abdullah ta’ 24 sena, bin Abdullah Ramadan u Fatima mweieled Fallugia Iraq, ta’ nazzjonalita’ Iraqqina mwieled fit- 23 ta’ Novembru 1987, residenti f’ Safi Barracks Centru maghluq Safi u detentur bin- numru tal- Pulizija tal- immigrazzjoni 09C-101;

Talli ;

1) fid- 29 ta’ Novembru 2011 ghall- habta ta’ 10.45hrs gewwa l- isptar Monte Carmeli Attard, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Mark Spiteri skond kif iccertifikat minn Dr. S. B. Das Md registration number 2141 tal- isptar Mater Dei;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall- istess Mark spiteri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

3) Aktar talli fl- istess cirkostanzi ingurja jew gieghel lil Mark Spiteri;

4) Aktar talli that l- istess cirkostanzi attakka jew ghamel resiztenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Mark Spiteri inkarigat skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghtija skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Gunju, 2012, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi tal-Ligi li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat ghal din il-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ gbir ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(d) u (2), 96(a), 339(d)(e), 17, 31, 49, 50 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------